PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9647 – GHT Mobility/Stadtwerke Düsseldorf/Clevershuttle Düsseldorf)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 51/13)

1. Fis-7 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— GHT Mobility GmbH ("GHT", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Deutsche Bahn AG

— Stadtwerke Düsseldorf AG ("SWD", il-Ġermanja), ikkontrollata minn EnBW Baden-Württemberg AG

SWD u GHT jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' CleverShuttle Düsseldorf GmbH ("CS Düsseldorf"). CS Düsseldorf tipprovdi servizzi ta' rikbiet kondiviżi fil-belt ta' Düsseldorf u bħalissa hija kkontrollata biss minn GHT.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— GHT: l-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' kunċetti ta' mobilità ottimizzati bl-IT inklużi servizzi tat-trasport tal-passiġġieri ottimizzati bl-IT permezz ta' karozzi tal-kiri. Hija kkontrollata minn Deutsche Bahn AG u tipprovdi infrastruttura tal-ferroviji fil-Ġermanja, trasport tal-passiġġieri fl-UE u trasbord tal-merkanzija u loġistika madwar id-dinja.

— SWD: provvista tal-elettriċità, tal-gass, l-ilma u t-tisħin tad-distrett, ġestjoni tal-iskart, vetturi tal-gass naturali, mobilità elettrika, servizzi relatati mal-enerġija u dawl pubbliku fiż-żona ta' Düsseldorf. Hija kkontrollata minn EnBW Energie Baden-Württemberg AG, u li hija attiva fil-ġenerazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriċità u fil-provvista ta' servizzi ta' ta' forniment tal-enerġija fiż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9647 – GHT Mobility/Stadtwerke Düsseldorf/Clevershuttle Düsseldorf

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ara r-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË